



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Frar 2021
(OR. en)

6287/21

COASI 22
ASIE 5
RELEX 109
COHAFA 10
CFSP/PESC 138
DEVGEN 26

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 22 ta' Frar 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6171/21

Suġġett: Myanmar/Burma
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Frar 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma, kif approvati mill-Kunsill fit-22 ta' Frar 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma

1. L-Unjoni Ewropea tappoġġa lill-poplu tal-Myanmar/Burma. Il-Kunsill jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-kolp ta' stat militari mwettaq fil-pajjiż fl-1 ta' Frar 2021. L-Unjoni Ewropea tappella biex titnaqqas it-tensjoni tal-kriżi attwali permezz tat-tmiem immedjat tal-istat ta' emerġenza, ir-restawr tal-gvern ċivili leġittimu u l-ftuħ tal-parlament li għadu kif ġie elett. Ir-risultati tal-elezzjonijiet demokratiċi li saru fit-8 ta' Novembru 2020 għandhom jiġu rispettati. Il-militar jeħtieġ li jirrinunzja l-azzjoni tiegħu.
2. L-Unjoni Ewropea tappella lill-awtoritajiet militari u b'mod partikolari lill-Kap Kmandant il-General Anzjan Min Aung Hlaing biex jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lill-President U Win Myint, il-Kunsillier tal-Istat Daw Aung San Suu Kyi u dawk kollha li ġew detenuti jew arrestati b'konnessjoni mal-kolp ta' stat. It-telekomunikazzjoni mingħajr xkiel trid tiġi żgurata; il-libertajiet tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni, u tal-għaqda, u l-aċċess għall-informazzjoni jridu jiġu garantiti, u l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem iridu jiġu rispettati. L-UE tikkundanna r-repressjoni militari u tal-pulizija kontra d-dimostranti paċifiċi filwaqt li tappella biex l-awtoritajiet irażżnu kemm jista' jkun lilhom infushom u biex in-naħat kollha jżommu lura mill-vjolenza, f'konformità mad-dritt internazzjonali. L-UE tieqaf f'solidarjetà ma' dawk iċ-ċittadini kollha tal-Myanmar/Burma li jeżerċitaw id-dritt fundamentali tagħhom għal għaqda paċifika b'appoġġ għall-gvern u l-parlament ċivili leġittimi, u l-għażla tagħhom għal futur demokratiku.
3. L-Unjoni Ewropea appoġġat b'mod kostanti t-tranżizzjoni ċivili u demokratika tal-Myanmar/Burma, kif ukoll il-proċess ta' paċi u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali tiegħu, u l-iżvilupp soċjoekonomiku inklużiv tiegħu. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tappoġġa d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha li jixtiequ jsolvu s-sitwazzjoni in bona fede, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-għoti mill-ġdid rapidu tas-setgħa lill-istituzzjonijiet demokratiċi leġittimi.

4. L-Unjoni Ewropea ser taħdem flimkien ma' dawk kollha li lesti jappoġġaw id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, u jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-Myanmar/Burma. Għal dan il-għan, l-UE ser tuża l-mezzi kollha ta' dialogu flimkien ma' sħab reġjonali u internazzjonali oħra. F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea tapprezza ħafna s-sħubija strateġika tagħha mal-ASEAN, tinkoraġġixxi inizjattivi reġjonali, u tilqa' l-impenn tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha għall-isforzi kontinwi tal-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Schraner Burgener biex jiġi żgurat ir-ritorn paċifiku tal-Myanmar/Burma fit-triq tiegħu lejn id-demokrazija.
5. L-Unjoni Ewropea hija mħassba ħafna dwar rapporti ta' intimidazzjoni. L-impenn qawwi mas-soċjetà ċivili u l-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti ser jibqgħu prijorità ewlenija.
6. B'reazzjoni għall-kolp ta' stat militari, l-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tadotta miżuri restrittivi mmirati lejn dawk direttament responsabbli. L-għodod l-oħra kollha għad-dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jinżammu taħt reviżjoni. L-Unjoni Ewropea ser tfittex li tevita miżuri li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv lill-poplu tal-Myanmar/Burma, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea jiżviluppaw proposti adatti f'dan ir-rigward.
7. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprowdi assistenza umanitarja, f'konformità mal-prinċipji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza, lir-refuġjati u lill-persuni spostati fil-Myanmar/Burma u r-reġjun, inkluż ir-Rohingya, f'konformità mal-impenn dejjiemi tagħha u l-wegħdiet tagħha matul il-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi għar-Rohingya li hija ppresediet b'mod konġunt fit-22 ta' Ottubru 2020. F'dan il-kuntest, l-UE tirrepeti l-appell tagħha għal aċċess umanitarju ħieles u mingħajr xkiel u tinsab lesta li żżid l-assistenza umanitarja tagħha għall-ħtiġijiet kollha, jekk meħtieġ. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-għerqu tal-kriżi fl-Istat ta' Rakhine u li jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-ritorn sikur, volontarju, sostenibbli u dinjituż ta' refuġjati u persuni spostati, f'konformità mal-istandards internazzjonali.
8. Il-Kunsill qabel li jżomm ir-relazzjonijiet tiegħu mal-Myanmar/Burma taħt reviżjoni kostanti u jista' jikkunsidra miżuri ulterjuri kif meqjus xieraq.